**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 297/2017 CFF**

**United Acceptances Finances**

**Vs**

**Joseph Cassar Aveta u b'ordni tal-Qorti datata 29 ta' April 2022, l-atti ġew trasfużi f'isem John Cassar Aveta u Louis Cassar Aveta stante li Joseph Cassar Aveta miet fil-mori tal-kawża**

**Illum 8 ta' Jannar 2024**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** ta' United Acceptances Finance Limited (C360);

Jesponu bir-rispett, u Patricia Hili, detentriċi tal-karta tal-identita' numru 96153M, debitament awtorizzata, tikkonferma bil-ġurament tagħha:

Illi permezz tal-ittra uffiċjali numru 3/2007, is-soċjeta' rikorrenti rendiet esegwibbli l-kambjali ammontanti għal Lm1932.00, ekwivalenti għal €4500.34 (elf u disa' mija u tnejn u tletin lira Maltija, ekwivalenti għal erbat elef u ħames mitt Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu) annessi mal-istess ittra uffiċċjali ai termini ta' l-Artokoli 253(e) u 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi minkejja dan, l-intimati baqgħu inadempjenti u l-kambjali ġew reżi esegwibbli skont il-liġi ui għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti ma tistax tipproċedi mingħajr l-awtorizazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;

Illi għal-finijiet tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjeta' rikorrenti tiddikjara li l-ammont ta' Lm1932.00, ekwivalenti għal €4500.34 (elf u

disa' mija u tnejn u tletin lira Maltija, ekwivalenti għal erbat elef u ħames mitt Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu), flimkien mal-imgħaxijiet u spejjeż relattivi skont il-liġi għadhom dovuti stante li ma sar l-ebda pagament relattiv għall-kambjali hemm indikati;

Għaldaqstant u fid-dawl tal-premess, is-soċjeta' esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizza l-esekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv ai termini ta' l-Artikolu 258(c) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat **ir-risposta** ta' Joseph Cassar Aveta, detentur tal-karta tal-identita' numru 694458M, fejn espona:

1. Illi l-ittra uffiċjali numru 3/2007 baqgħet qatt ma ġiet notifikata ai termini ta' l-Artikolu 187 tal-Kap 12 billi minkejja li s-soċjeta' rikorrenti talbet li tinnotifika lill-esponenti bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni u billi minkejja li ttentat li tagħmel dan, skond ma jidher mir-referti relattivi, l-esponenti baqa' qatt ma ġie notifikat b'din l-ittra, u dan senjatament qed jingħad b'riferenza għar-referta datata 11 ta' April 2007 fejn il-Marixxall Raymond Pace jgħid illi 'Illum 11/4/2007 ngħid u niżgura li fi 11/4/2007 ma nnotifikajtx lil Joseph u Roberta Cassar Aveta bil-proċedura ta' l-affissjoni fl-indirizz mogħti ma sibtx "The Avetas, Triq il-Qantar, Swieqi" b'kopja ta' ittra skond l-Art 187(3) tal-Kap 12;

2. Illi ai termini tal-Art 253(e) u 256 tal-Kap 12, din l-ittra kellha l-ewwel tiġi notifikata qabel il-kambjala relattiva tkun eżegwibbli. Ladarba din l-ittra uffiċċjali baqgħet qatt ma ġiet notifikata, allura ma jistax jingħad illi s-soċjeta' rikorrenti għandha xi titolu eżekuttiv x'terġa' tirrendi eżegwibbli ai termini ta' l-Art 258 tal-Kap 12;

3. Illi f'kull każ, u mingħajr preġudizzju għall-premess, s-soċjeta' rikorrenti ippruvat terga' tinnotifika lill-esponenti b'din l-ittra uffiċċjali u saħansitra reġgħet ipproċediet bil-publikazzjoni tal-istess ittra. Madanakollu l-esponenti kien ippreżenta r-rikore relattiv ai termini ta' l-Art 253(e) tal-Kap 12, liema proċeduri għadhom pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta mill-Maġistrat Dr Caroline Farrugia Frendo rikors numru 225/2016 differita għad-9 ta' Jannar 2018, tant allura kemm hu ċar illi s-soċjeta' rikorrenti taf bejn tajjeb illi m'għandha l-ebda titolu x'tirrendi eżegwibbli;

4. Illi f'kull każ, bħal ma ġie ukoll eċċepit f'dawk il-proċeduri, it-talba attriċi hija preskritta bil-preskrizzjoni ta' ħames snin ai termini ta' l-Art 542 tal-Kap 13, stante li llum għaddew iktar minn ħames snin wara dakinhar li l-kambjali għalqu;

Illi dan l-Artikolu jipprovdi kif ġej:

"Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikoli 238, 239 u 263, l-azzjonijiet li ġejjin minn kambjali jew minn biljetti negozjabbli jew promissory notes, jaqgħu bil-preskrizzjoni wara ħames snin minn dak in-nhar li jagħlqu..."

Illi ċertament l-azzjoni li qed tippromwovi jew li ppruvat tippromwovi bl-ittra uffiċċjali s-soċjeta' United Acceptances Finance Limited (C360), u cioe', dik ai termini ta' l-Art 253(e) tal-Kap 12 tikkonsisti f'azzjoni li ġejja minn kambjala, u kwindi għandha tiġi meqjusa preskritta ab initio, kif ser jirriżulta mill-provi;

5. Illi inoltre, u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talba attriċi għall-ħlas tal-ammont imsemmi hija preskritta bil-preskrizzjoni ta' ħames snin ai termini ta' l-Art 2156(f) tal-Kap 16.

Rat l-affidavit ta' Joseph Cassar Aveta**;**

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet it-trattazzjoni;

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

Il-każ odjern huwa wieħed fejn qiegħed jiġi kontestat ittra uffiċjali bin-numru 03/07 ai termini tal-artikolu 256 (2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, mibgħuta wara li kienu inħarrġu kambjali li huma diġà meqjusa bħala titolu eżekuttiv ai termini tal-artikolu 253 (e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi z-żewġ partijiet f'dawn il-proċeduri hemm diverġenza dwar il-fatt jekk l-azzjoni mitluba hiex preskritta jew le. Illi għalhekk din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tara jekk fil-fatt dak li qiegħed jingħad miż-żewġ partijiet jekk l-azzjoni odjerna hiex preskritta jew le fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

B'ittra uffiċjali datata it-3 ta' Jannar 2007 is-soċjetà rikorrenti tittenta tirrendi esegwibbli diversi kambjali tal-valur ta' 4,500.34 ewro. Ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta kambjali maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ huma titoli eżekuttivi iżda, ai termini ta' l-artikolu 256(2) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta l-istess huma esegwibbli biss wara jumejn għall-anqas min-notifika ta' sejħa għall-ħlas magħmula b'atti ġudizzjarju.

L-Artikolu 253(e) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi fil-*proviso* li

> *"B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew*

*promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.*

*L-ittra uffiċjali msemmija aktar 'il fuq f'dan il-proviso għandha, taħt piena ta' nullità, tavża lid-debitur bid-dritt mogħti lilu minn dan il-proviso;*

Huwa in bażi għal dak provdut f'dan il-*proviso* li l-intimat istitwa il-proċeduri odjerni in oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni fil-konfront tagħhom tal-kambjali mertu tal-kontestazzjoni da parte tas-soċjetà rikorrenti.

It-talba ta' l-intimat għas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni fil-konfront tagħhom tal-imsemmija kambjali hija bbażata fuq il-pretensjoni li l-kambjali kollha huma preskritti ai termini tal-Artikolu 542 tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn jingħad illi:

*bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 238, 239 u 263, l-azzjonijiet li ġejjin minn kambjali jew minn biljetti negozjabbli jew promissory notes, jaqghu bil-preskrizzjoni wara ħames snin minn dakinhar li jagħlqu, u l-azzjonijiet li ġejjin minn tratti jew cheques fuq bankiera jew kaxxiera jaqgħu bil-preskrizzjoni wara ħames snin mid-data tagħhom.*

Għad illi f'dan l-artikolu tal-liġi, l-leġislatur juża' l-kelma "preskrizzjoni", it-terminu ta' ħames snin hemm indikat ma huwiex wieħed ta' preskrizzjoni, u quindi bid-dritt ta' interruzzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2128 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda huwa terminu ta' dekadenza b'mod li d-dritt tal-azzjoni jintilef kemm-il darba din ma tiġix istitwita entro t-terminu prefiss fil-Liġi. Dana jirriżulta minn dak dispost fl-artikolu 541 tal-Kap.13 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li

*"z-żminijiet kollha stabbiliti b'dispożizzjoni ta' dan il-Kodiċi għall-eżerċizzju ta' azzjonijiet jew regressi li ġejjin minn atti kummerċjali, huma perentorji; u l-benefiċċju tar-restitutio in integrum bis-sahha ta' titolu motiv jew privileġġ li jkun, ma jgħoddx."*

Il-kwistjoni tan-natura tat-terminu ta' ħames snin għall-eżerċizzju ta' azzjoni nascenti minn kambjala prefiss fl-artikolu 542 tal-Kap.13 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet trattata fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Sammut v. Joseph Peters et, Citaz. Nru. 1135/01** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2002, fejn ingħad illi

*"din il-Qorti, wara li ħadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti u tas-sentenzi citati, hija tal-fehma li l-opinjoni espressa mill-Qorti ta' Prima Istanza fil-kawża fl-ismijiet "Joseph Petroni noe v. Joseph Zahra"*

*kif sussegwentement konfermata mill-Qorti ta' Appell Inferjuri fis-7 ta' Diċembru 1997 hija dik korretta. Kif sewwa osservat il-Qorti ta' l-Appell 'Għalhekk, għalkemm il-Kodiċi Kummerċjali, fl-artikoli ta' wara l-art. 633 (541) jsemmi "preskrizzjoni" din, minħabba l-art. 633 (541) titqies preskrizzjoni perentorja, li ma tistax tkun hlief dekadenza, altrimenti kif osservat anke l-ewwel qorti, l-Art. 633 (541) jsir ghal kollox inutili, u interpretazzjoni li twassal ghas-superfluwità għandha tiġi evitata" ... It-Titolu I tat-Taqsima IV tal-Kap.13 tal-Liġijiet ta' Malta jitkellem "Fuq il-preskrizzjoni u fuq ir-raġunijiet li għalihom m'hemmx jedd ta' azzjoni f'xi ħwejjeg kummerċjali". Skond it-teżi attriċi fil-każ odjern wieħed għandu jifhem li l-użu tal-kelma "preskrizzjoni" fil-preambolu ghall-artikoli 541 sa' 546 jissoggetta dak kollu li hemm provdut ghall-provedimenti tat-Titolu XXV tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta b'mod li kull terminu hemm stabbilit huwa wieħed preskrittiv u cioè jista' jkun sospiż jew interrott. Dan però ma jidhirx li hu l-kaz billi l-ewwel artikolu tat-Titolu I tat-Taqsima IV tal-Kap.13 ma jhalli ebda dubju x'ried il-legislatur. Infatti huwa hemm dikjarat, bla ebda dubju ta' xejn li z-zminijiet kollha stabbiliti b'disposizzjoni ta' dan il-Kodici ghall-ezercizzju ta' azzjonijiet jew regressi li gejjin minn atti kummercjali,* ***huma perentorji****…". Isegwi li l-azzjonijiet li jirrigwardaw "operazzjoni dwar kambjali" li skond il-paragrafu (c) ta' l-artikolu 5 tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta, huma atti ta' kummerc, ma jistghux hlief jintlaqtu bit-terminu "perentorju" ossia "ta' dekadenza" u l-kelma "preskrizzjoni" uzata fl-artikolu 542 tal-Kap.13 hija biss intiza biex tindika t-terminu li fih ghandha tingieb l-azzjoni.*

Għalkemm il-prinċipju imsemmi ġie enunċjat fil-kuntest ta' *actio cambiaria* l-Qorti ma għandhiex dubju li l-istess għandu japplika anke fil-każ tal-proċedura kontemplata fl-Artikolu 256(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta biex kambjala, meqjusa bħala titolu eżekuttiv a tenur ta' l-Artikolu 253(e) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, tiġi reża esegwibbli. B'hekk l-att ġudizzjarju biex kambjala jew iktar kambjali jiġu reżi esegwibbli għandu jiġi ppreżentat fi żmien ħames snin minn meta il-kambjala jew kambjali in kwistjoni jagħlqu u jsiru dovuti.

Fil-każ in eżami ma huwiex kontestat li l-kambjali li s-soċjetà rikorrenti tittenta tirrendi esegwibbli bl-ittra uffiċjali bin-numru 03/2007. Illi però min-naħa tas-soċjetà intimita qalet li għamlet din l-azzjoni fiż-żmien mitlub skont il-liġi u cioè fis-sena 2007 u l-fatt illi l-istess ittra uffiċjali ġiet biss notifikata wara li skadew il-ħames snin ma jfissirx illi l-azzjoni ma tteħdietx fil-ħin.

Illi għandu jingħad minn qabel li bi qbiel bejn il-partijiet iż-żewġ kawżi bin-numri 225/2016 CFF u 297/2017 CFF peress li huma relatati fuq l-istess kwistjoni, il-provi mressqa għandhom japplikaw għal dawn iż-żewġ kawżi. Illi fil-każ tal-kawża li ġġib in-numru 225/2016 CFF hija kawża mibdija wara rikors preżentat minn Joseph Cassar Aveta et wara li kien ġie notifikat b'ittra uffiċjali numru 3/2007 bl-ismijiet **United Acceptances Finance Limited vs Joseph Cassar Aveta** fit-18 t'Awwissu 2016 wara li kienet saret il-pubblikazzjoni tal-ittra uffiċjali fil-gazzetti

lokali. Illi għalhekk il-Qorti trid tara meta saret in-notifika tal-ittra uffiċjali lil Joseph Cassar Aveta u l-oħrajn imdaħħla f'dawn il-proċeduri.

L-Ittra Uffiċjali 3/2007

Illi wkoll huwa magħruf ghal dak li hemm fl-artikolu 542 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta, l-azzjoni taqa' wara l-għeluq ta' ħames snin u ż-żmien huwa wieħed ta' dekadenza b'mod li d-dritt tal-azzjoni jintilef kemm-il darba din ma tiġix istitwita entro t-terminu prefiss fil-Liġi. Illi għalkemm fl-istess ittra uffiċjali hemm imniżżel li kopji tal-kambjali huma annessi magħha, f'dawn il-proċeduri ma hemm ebda indikazzjoni li ġew fil-fatt esebieti. Illi għalhekk il-Qorti trid tara mill-provi meta fil-fatt dawn il-kambjali kienu skadew sabiex jiġi kkalkulat iż-żmien għal dak li hemm fl-artikolu 542 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi l-unika referenza għal xi data ta' dawn il-kambjali kienet fl-istess affidavit ta' Joseph Cassar Aveta fejn qal li dawn il-kambjali kienu kollha ġew iffirmati fis-19 ta' Settembru 2002 u kienu għalqu bejn Ġunju 2004 u April 2006. Illi għalhekk b'referenza għal dak li qal l-istess Joseph Cassar Aveta, l-aħħar kambjala kienet tagħlaq f'April 2006.

Illi s-soċjetà United Acceptances Finance Ltd kienet ippreżentat ittra uffiċjali (ara proċess numru 297/2017 CFF a fol 4) fit-3 ta' Jannar 2007. Illi ġara li għalkemm saru diversi tentattivi sabiex jiġu notifikati din l-ittra baqgħet ma nġabritx. Illi fil-fatt kien sar rikors sabiex din l-ittra tiġi notifikat permezz ta' mezzi oħrajn li tagħti l-liġi u cioè bl-affissjoni u l-pubblikazzjoni tagħha u dan fit-3 t'April 2007. Illi skont it-timbri li hemm fl-istess ittra uffiċjali jidher li fil-11 t'April 2007 sar tentattiv ta' affissjoni mal-indirizz mgħoti lil Marixxal u din kienet fin-negattiv (ara a fol. 9 tal-proċess 297/2017 CFF). Illi għalhekk ma hemm ebda indikazzjoni li l-affissjoni serviet l-iskop tagħha. Illi però a fol. 14 tal-istess proċess jidher b'mod ċar li fil-Gazzetta tal-Gvern tal-14 ta' Ottubru 2008 saret il-pubblikazzjoni ta' din l-ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi l-istess artikolu tal-liġi jgħid espressament li dan il-mezz tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni iġġib magħha konsegwenza li tali ittra uffiċjali tkun ġiet notifikata lil parti l-oħra u cioè tlett ijiem minn wara id-data tal-pubblikazzjoni tagħha. Illi anki f'dawn iċ-ċirkostanzi l-istess artikolu 187(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jitkellem ċar anki f'dik is-sitwazzjoni fejn l-indirizz ma jkunx magħruf jew inkella ma jistax, din il-proċedura tiġi meqjusa li saret in-notifika tal-ittra uffiċjali. Illi ma jidher minn imkien li l-istess ittra uffiċjali hekk ippubblikata ġiet kontestata. Illi għalhekk din il-Qorti tara li l-istess ittra uffiċjali bin-numru 3/2007 ġiet notifikata skont il-liġi fiż-żmien previst u cioè fit-terminu perentorju ta' ħames snin, skont l-artikolu 542 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-partijiet involuti f'dan il-każ u għalhekk fi kwalunkwe każ il-kambjali ġew reżi eżekuttivi.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet premessi l-Qorti tilqa' t-talba tas-soċjeta' rikorrenti biex tirrendi l-kambjali tal-valur komplessiv ta' erbat elef u ħames mitt Ewro u erba' u tletin ċenteżmu (€4,500.34) eżegwibbli, li s-soċjetà rikorrenti tittenta tirrendi esegwibbli fil-konfront ta' l-intimat Joseph Cassar Aveta bis-saħħa ta' l-ittra uffċċjali bin-numru 3/2007 fl-ismijiet *United Acceptance Finance Limited vs Joseph Cassar Aveta*, stante li l-istess ittra uffiċċjali giet ippreżentata fit-terminu perentorju ta' ħames snin minn meta ghalqu u saru dovuti l-imsemmija kambjali, prefiss fl-Artikolu 542 tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tar-rikorrenti Joseph Cassar Aveta.

**Dr Caroline Farrugia Frendo**

**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**